# Il-Bejta fin-Niċċa

Kixef snienu l-gregal minn wara x-xefaq
u semma' l-lupu l-ħamba tal-ħruxija:
iżda l-bejta, fin-niċċa, wara l-vara
tinsab moħbija.

Ġarret l-għammiela tibna wara tibna
u bl-imħabba poġġiethom mija mija;
u rekknithom fin-niċċa wara l-vara
ħienja u għaqlija.

Biddel ix-xefaq lewnu — d-dawl deh'bieni
sar bħal xmara ta' griż bid-demm miksija.
Xejn ma tellef lill-bejta l-ħolma ħiemda
X'hena moħbija.

U sielet il-gregal mat-tramuntana
u sema w art sfaw xagħra ta' swidija.
Iżda l-ħolma ta' ġid int bqajt toħlomha
bejta kennija.

U minn sema nkurlat werżqet il-qilla,
w aktar sewda mid-dlam serrpet id-dija.
Iżda fin-niċċa l-bejta baqgħet sħiħa
bil-ġid mimlija.

Għab il-gregal u l-lupu libet; siktet
il-ħerba li ħalliet l-art imbikkija;
u l-għasafar mill-bejta ħarġu igħannu
l-għanja sajfija.

GEORGE ZAMMIT.